**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Baskal Saliba**

Numru: 4/2009

Illum 19 ta' Lulju 2016

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Baskal Saliba,** ta' erbgha u hamsin (54) sena, bin il-mejjet u Caterine nee' Cini, imwieled Zebbug, nhar it-12 ta' Gunju 1965, residenti fil-fond 'Santa Marija', Triq il-Municipju Ruman, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 38155(G), akkuzat talli nhar is-07 ta' Ottubru 2007, gewwa sit ta' kostruzzjoni fi Triq Ghajn Qatet, Vittorija, Ghawdex;

a) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Sammy Spiteri;

b) U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna jew ghamel hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor;

c) U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ddepozita jew uza xi crane jew makkinarju iehor waqt il-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi bini, jew progett iehor simili, fi Triq Ghajn Qatet, Rabat, Ghawdex u dan id-depozitu sar minghajr il-permess tal-Kunsill Lokali.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 227) datata 9 ta' Frar 2010 li permezz taghha baghat lill-imputat Baskal Saliba biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fir-regolamenti numri 2, 3, 8, 13(3)(10)(ii) tal-Avviz Legali 119 tal-2002 u tar-Regolamenti 1 u 2 tal-Avviz Legali 37 tal-2004 mahruga taht l-Att XXVII tal-2001 u taht il-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz kif debitament emendat bl-Att XXI tal-1999;
(d) Fl-Artikoli 49, 50 u 51 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tad-19 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 260), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-9 ta' Frar 2010, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fl-1 ta' April 2016, il-*parte civile* pprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi d-difiza pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fid-29 ta' April 2016.

Rat illi l-prosekuzzjoni baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha ta' dan il-prodediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2009 meta l-incident sehh fl-2007.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet i
l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

> *Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-ġbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*
>
> *Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal-ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il-mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz u tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hijiex kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hijiex imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha. Ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hija stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet 'Il- **Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

**<u>Fatti specie tal-kaz</u>**

Nhar is-Sibt 6 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007) l-imputat li dak iz-zmien kien jahdem fil-kostruzzjoni rama *crane* gewwa Triq Ghajn Qatet fir-Rabat, Ghawdex. Dana ghamlu minghajr il-permessi necessarji tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (Ghawdex.)

Ftit sieghat wara, ghall-habta tal-erbgha u erbghin minuta (04.40am) ta' l-ghada l-Hadd 7 ta' Ottubru, Sammy Spiteri ta' tlieta u ghoxrin (23) sena ghadda minn dik it-triq bil-vettura Mitsubishi Lancer bin-numru ta' registrazzjoni EAW-599 u habat mal-*crane* b'certa velocita` tant li bl-impatt l-istess *crane* zbilancja mill-ippustjar tieghu u nqaleb fuq il-genb tal-lemin tieghu u diversi blokki tal-konkos li kienu qed iservu ta' kontra-piz inqalbu u sfrondaw is-saqaf tal-vettura msemmija u ghafgu lil Sammy Spiteri li tilef hajtu konsegwenza ta' hekk.

Il-kawza tal-mewt ta' Sammy Spiteri giet stabbilita mill-patologisti mahtura fl-istess inkjesta bhala "Laceration lung (left) – Crush Injury".

It-tossikologu Prof M Sammut irriskonta li l-livell tad-demm fid-decujus kien ta' 106mg/100ml (il-limitu legali hu dak ta'

80mg/100ml) kif ukoll li d-demm kien jikkontjeni 2.7ml/l tas-sustanza MDMA iktar komunement maghrufa bhala ecstasy.

L-Inginier David Abela fir-rapport tieghu kkonkluda dwar ghadd ta' nuqqasijiet:

> *"5. In my opinion, the yellow hazard flashing light was not enough to indicate that there is such an obstacle in the road and this is aggravated by the fact that there is little street lighting in the area.*
>
> *"6. It is also my opinion that in such cases of a crane being erected in a road, albeit at the side, the crane should be better illuminated at night. Especially with this type of crane a solid barrier (e.g. concrete barriers) should surround and protect the base of the crane. Otherwise the road should be closed to vehicular traffic.*
>
> *"7. This type of crane – the self erecting type – is much less stable than the type of tower cranes with a solid base in the sense that if it loses just one of its 'feet' it becomes totally unstable."*

**Xiehda**

Waqt dawn il-proceduri xehdu 30 xhud. Din il-Qorti kif preseduta semghet biss xhud wiehed *viva voce*, iben l-imputat, ix-xiehda l-ohra l-Qorti strahet fuq it-traskrizzjonijiet inseriti fil-process:

***<u>Fis-16 ta' April 2009</u>***

*Joseph Zammit (a* fol. *149), PS1040 John Grima (a* fol. *150 et seq.), PS1233 John Attard (a* fol. *153 et seq.), Max Xuereb (a* fol. *155), Miriam Attard (a* fol. *156 et seq.), George Sacco (a* fol. *162 et seq.), Ex-PS261 Raymond Caruana (a* fol. *164), Fiela Attard (a* fol. *165), Moira Camenzuli (a* fol. *166), Michael Sultana (a* fol. *167 et seq.).*

***Fit-28 ta' Mejju 2009***

*Il-Perit Angelo Portelli (a* fol. *175 et seq.), George Sacco (a* fol. *177), Michael Sultana (a* fol. *180), Ruben Said (a* fol. *186), Miriam Attard (a* fol. *188).*

***Fid-9 ta' Lulju 2009***

*Joseph Zammit (a* fol. *194 et seq.), SM755 Frank Gauci (a* fol. *197), Dr. Anselm Psaila (a* fol. *198), Peter Mercieca (a* fol. *200 et seq.), Dr. Ali Salfraz u Dr. Michael Refalo (a* fol. *202 et seq.).*

***Fit-3 ta' Settembru 2009***

*Joseph Farrugia (a* fol. *209), PC1109 Joseph Tabone (a* fol. *211 et seq.), WPC46 Angelo Vassallo (a* fol. *213).*

***Fis-26 ta' Novembru 2009***

*Tereza Spiteri (a* fol. *221).*

***Fit-18 ta' Frar 2010***

*Lucy Sciberras (a* fol. *230).*

***Fid-19 ta' Mejju 2011***

*Saviour Farrugia (a* fol. *240).*

***Fl-14 ta' Frar 2013***

*L-Enginier David Abela (a* fol. *264 et seq.).*

***Fl-24 ta' Ottubru 2013***

*L-imputat Baskal Saliba (a* fol. *271 et seq.).*

***Fil-5 ta' Dicembru 2013***

*Paul Scicluna (a* fol. *303 et seq.).*

***Fis-27 ta' Ottubru 2015***

*Samuel Saliba (a* fol. *331 et seq.).*

**Ix-xiehda tal-imputat Baskal Saliba**

L-imputat ta x-xiehda tieghu fl-24 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013). Il-Qorti kellha c-cans taqra x-xiehda tal-imputat li tinstab *a* fol. *271 et seq.* Il-Qorti kif presjeduta ma kellhiex l-opportunita` li tara l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda izda mill-qari tax-xiehda tieghu wiehed jinnota l-imputat wera certu arroganza waqt li kien qieghed jixhed, deher li ma ddispjacieh xejn ghall-incident li gara u ma jaghrafx fejn seta' zbalja. Waqt il-kontro-ezami l-imputat deher nervuz u kien anzjuz hafna meta ta r-risposti ghad-domandi tal-avukat tal-*parte civile*. Anke l-Qorti intervjeniet biex tidderigi lill-imputat fix-xiehda tieghu.

Il-*parte civile* fin-nota ta' sottomissjonijiet sostnew li *"Saliba deherlu li l-iskop tal-kontro-ezami kien li joqghod jargumenta mal-avukat b'mod li jevadi li jirrispondi d-domandi li kienu qed isirulu. Tattika ohra kienet li jaghmel id-domandi hu lill-avukat, hafna drabi b'mod sarkastiku. Dan kollu qed jinghad semplicement ghaliex skond il-ligi – l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali – il-komportament ta' xhud huwa fattur importanti fl-evalwazzjoni tax-xiehda tieghu."*

Il-*parte civile* lmentaw ukoll id-disprezz totali ghall-mejjet Sammy Spiteri fejn waqt ix-xiehda tieghu qal li: *"Dan l-incident kulhadd jaf kif gara; nahseb il-Qorti taf sewwa kif gara – dan it-tifel hareg, ghamel li kellu jaghmel u dahal go din il-karozza biex…"*.

Il-*parte civile* fis-sottomissjonijiet taghhom jargumentaw illi l-imputat *"ghamel minn kollox biex jevita li jghid li l-unika prekawzjoni li ha kienet li wahhal bozza ma' din l-istruttura ta' certa kobor. Ghalih l-armar tal-crane kien ferm iktar importanti mill-permess. Jghidilna wkoll li d-decizjonijiet hadhom hu u wasal ghall-konkluzjoni – nefasta fl-opinjoni tal-esponenti – li ma kien hemm ebda riskju. Mill-gist tax-xiehda tieghu huwa palezi li l-opinjonijiet tieghu dwar prekawzjonijiet u riskji ma*

*nbidlux nonostante li mietet persuna mirduma taht l-istruttura maghmula minnu."*

Id-difiza fin-nota taghha sostniet li l-imputat: *"meta xehed ta spjegazzjoni ta' x'gara u ma garax fil-gurnata li tpogga l-crane. Hawnhekk huwa spjega li l-intenzjoni kienet li l-permess jinhareg dakinhar stess li tpogga l-crane, izda l-Kunsill Lokali tar-Rabat is-Sibt ma fetahx, u huwa haseb ghalhekk li jmur jigbor il-permess l-ewwel haga it-Tnejn filghodu. Huwa spjega wkoll li huwa rraguna hekk ghaliex fl-esperjenza tieghu tul is-snin huwa qatt ma kellu l-ebda diffikultà biex jottjeni permess biex ipoggi crane fit-triq, u infatti l-Kunsill Lokali kien johrog il-permess minghajr ma lanqas biss jibghat lil hadd jispezjona l-post fejn jitpogga l-crane."*

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**L-ewwel imputazzjoni**

Il-bazi tal-ewwel imputazzjoni huwa l-artikolu 225 (1) tal-Kap. 9 li jipprovdi li:

"*Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*"

Dan huwa mehud mill-artikolu 371 tal-Kodici Zanardelli. Dak l-artikolu kien jiddisponi hekk:

**"Chiunque, per imprudenza, negligenza, ovvero per imperizia nella propria arte o professione, o per inosservanza di regolamenti, ordini o discipline, cagiona la morte di alcuno, e` punito con la detenzione da tre mesi a cinque anni e con la multa da lire cento a tremila.**

**"Se dal fatto derivi la morte di piu` persone o anche la morte di una sola e la lesione di una o piu`, la quale abbia prodotto gli effetti indicati nel primo capoverso dell'art. 372, la pena e` della detenzione da uno a otto anni e della multa non inferiore a lire duemila."**

Fl-Italja llum l-artikolu rilevanti huwa l-artikolu 589 li, wara l-ahhar emendi li saru fl-2008 jaqra hekk:

**"Chiunque cagiona per colpa la morte di una persona è punito con la reclusione da sei mesi a cinque anni.**

**Se il fatto è commesso con violazione delle norme sulla disciplina della circolazione stradale o di quelle per la prevenzione degli infortuni sul lavoro la pena è della reclusione da due a sette anni.**

**Si applica la pena della reclusione da tre a dieci anni se il fatto e' commesso con violazione delle norme sulla disciplina della circolazione stradale da: 1) soggetto in stato di ebbrezza alcolica ai sensi dell'articolo 186, comma 2, lettera c), del decreto legislativo 30 aprile 1992, n. 285, e successive modificazioni; 2) soggetto sotto l'effetto di sostanze stupefacenti o psicotrope.**

L-elementi rikjesti minn dan l-artikolu fil-Kodici Kriminali taghna sabiex tissussisti din l-offiza huma:-

(i) Azzjoni li issir b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti;
(ii) Jikkaguna mewt;
(iii) fuq persuna.

Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Sammy Spiteri sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti da parti tal-imputat.

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li

jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u ppruvat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha '*colpa incosciente*' a differenza minn dik imsejha '*colpa cosciente*', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- "*L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all'agente di cui egli vuole non tener conto*".

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u dan bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza magisterjali tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli, B.E. & A.,A.&C.E.** *(04.02.1961 – Kollez. XLV.iv.870)* moghtija mill-Imhallef J. Flores, sentenza klassika li giet citata mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi okkazjonijiet. Fiha ntqal hekk dwar ir-reat involontarju:

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali ili tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita` minn event dannus involontarju;*
>
> *"Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe`, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali: kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46);"*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

> *"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d- diligenza tal-kaz konkret."*

Illi Francesco Antolisei, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale (Giuffre`, 1997, 14° ed., p. 364), jghid hekk:

> *"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita` del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: < La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche` l'essenza della colpa sta nella prevedibilita` >."*

Illi din l-akkuza tittratta r-reat ta' omicidju involontarju, ossia l-fatt illi bin-non-kuranza jew non-osservanza tar-regolamenti, bin-nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, l-imputat ikkawza l-mewt ta' Sammy Spiteri f'dan l-incident. Fi kliem iehor ma hux ipotezzat reat fejn hu mehtieg il dolo, izda l-fatt illi l-imputat agixxa b'mod li bih seta' jobsor (meta fil-fatt ma basarx) illi bl-agir tieghu kien ser

johloq is-sinistru. It-test f'dan il-kaz huwa jekk l-imputat, b'dak li halla fi triq u cioe' crane minghajr ma kellu l-permessi necessarji tal-Kunsill Lokali u jekk hax il-prekawzjonijiet li jitolbu r-regolamenti marbuta mas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol agixxiex *qua bonus paterfamilias* jew le. Jekk kien qieghed jagixxi b'dan il-mod, wiehed irid jasal ghall-konkluzjoni illi l-incident sehh minhabba raguni accidentali li ma setghet qatt u bl-ebda mod tigi evitata. Izda dak li jigi ipotezzat f'dawn ic-cirkostanzi huma ohrajn: illi minghajr il-hsieb li jikkawza dan l-incident, huwa naqas milli jagixxi bhala *bonus paterfamilias*, u proprju minhabba din in-non-kuranza ikkawza l-incident de quo.

Fil-fatt dwar x'tip ta' diligenza ried jezercita l-imputat, **Smith & Hogan** fil-ktieb taghhom ***Criminal Law*** jghidu:

*"The degree of care is the average or normal degree of care expected from the particular individual and it is not a superlative degree of care. That is, the reasonable man is not he who is most reasonable, but just the normal type of reasonable man. The law requires not that which is extraordinary but that which is reasonable, that is, that diligent which from Roman times has been known as the "diligentia bonus paterfamilias."*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz il-**Pulizija v. Kevin Sammut**[2] fit-23 ta' Jannar 2009. F'din id-decizjoni l-Prim Imhallef Vincent Degaetano jidhol fid-dettal dwar il-kuncett tal-*bonus pater familias* u xi jkollu f'mohhu bniedem ta' intelligenza ordinarja:

> Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta' kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie

[2] App Nru 192/08

elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:

> **Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – <u>jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att</u> – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu *The Criminal Law of Scotland* [3]:**
>
> > **"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and**

[3] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.

**in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[4]**

**U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[5] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:**

**"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[6] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the**

[4] Para. 7.28, pp. 232-233.
[5] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."
[6] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

**risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[7]**

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3. la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha

[7] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kinux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hijiex inkriminabbli, ma hemmx htija (vide Il-**Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

X'inhu l-obbligu tal-kuntrattur fil-pozizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti. Il-prosekuzzjoni trid tipprova n-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide Il-**Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

**Konkluzzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti**

Id-difiza fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha rreferiet ghal dak li kkonkluda l-Magistrat inkwirenti fl-inkjesta' li:

*"Minn din l-indagini jidher li ghalkemm x'aktarx il-vittma Sammy Spiteri ma kienx ghal kollox f'sikktu dak il-hin illi sehh dan l-incidnet fatali minhabba li kif inghad qabel huwa kien taht l-influenza tal-alkohol u d-droga waqt li kien qieghed isuq il-karozza tieghu fid-direzzjoni tax-Xewkija dakinhar tal-incident, sid it-tower crane in kwistjoni, u cioè l-imsemmi Baskal Saliba seta' b'xi mod kellu wkoll xi htija kontributorja ghal dan l-incident, minhabba li seta' ma hax prekawzjonijiet bizzejjed sabiex javza lil*

*min ikun qed juza din it-triq partikolarment bil-lejl, bl-ostakolu kbir illi dawn kienu ser isibu ma' wicchom fit-triq huma u ghaddejjin minn hemm."*[8]

Il-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Jason Calleja** nghad li:-

> *"In linea generali, il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga ir-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi procès verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita' u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jiddentifika bhala pertinenti ghal-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, l-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq inqas, mill-prosekuzzjoni; anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv tal-Istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il- haqq u l-gustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-Privy Council in* ***re Regina vs George Terreni,*** *obiter, iddeskriva bhala "a good way of preserving evidence".*

Is-sentenza tipprovdi ukoll li:-

> *".. certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bilfors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficcju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk,*

[8]Folio 26 tal-process.

*per ezempju, f'kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il- mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex proprju ir-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li prima facie ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat.*

*Hi certament l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, c-cirkostanzi kollha tal- kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxix qua Qorti, la ta' Istruttorja w inqas ta' Gudikatura.*

*Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi - indipendentement mill-apprezzament taghhom - hemmx bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli ghal proceduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal- Magistrat Inkwirenti, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tieghu."*

Dan kollu jfisser li jekk tigi rapportata mewt ta' persuna lil Magistrat Inkwirenti, huwa d-dover tieghu li jigbor u jippreserva l-provi kollha possibbli u mhux biss jistabbilixxi li verament saret mewt, izda kif dik il-mewt giet jew setghet giet kawzata kif ukoll jekk hemmx provi bizzejjed biex xi hadd jista' jigi akkuzat b'dik il-mewt jew almenu jekk il-pulizija ghandiex tkompli bl-investigazzjonijiet taghha in generali jew f'linja partikolari. Dan, evidentement jinvolvi ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Magistrat

Inkwirenti li ghalkemm huwa limitat, dejjem irid isir u li necessarjament jinkludi sa' certu livell apprezzament ta' provi.

S'intendi, dan kollu jrid isir fil-parametri ta' dak li hu lecitu, tenut kont tal-figura u funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti u tal-importanza tar-rizultat tax-xoghol tieghu fil-process penali. Ma jistax, per ezempju, il-Magistrat Inkwirenti fil-kors normali tal-affarijiet, jiddeciedi li jikkontraponi xhieda ma' ohra u jistabbilixxi liema wahda mit-tnejn jew aktar timmerita li tigi emmnuta. Jista' izda jekk prova hija impossibbli li tkun vera, jissenjala dan, specjalment jekk dan jista' jkun ta' rilevanza. In massima generali, pero', dak li huwa mportanti huwa li bhal Magistrat li jippresjedi fil-Qorti ta' Istruttorja, il-Magistrat Inkwirenti ma jusurpax il-funzjonijiet ta' gudizzju u valutazzjoni ta' provi li fil-process penali l-ligi tirriserva ghal haddiehor. Huwa importanti li l-Magistrat Inkwirenti jzomm ma dan il-parametru ghaliex il-ligi taghti importanza kbira lill-investigazzjoni li jkun ghamel u l-process verbal li jkun irrediga hu wkoll hu moghti valur probatorju fil-process penali.

Parametru iehor johrog minn dak li tghid il-ligi u anki l-ftit gurisprudenza in materja. Kif inghad diga, fit-termini tal-artikolu 550 (1) tal-Kodici Kriminali l-process verbal maghmul regolarment, jista' mhux biss jinghata bhala prova fis-smigh tal-kawza, izda dan jista' jsir *"minghajr ma jkun mehtieg li jinstemghu x-xhieda, l-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access"*.

Dawn il-Qrati qatt ma interpretaw din id-disposizzjoni bhala li tfisser li l-process verbal tal-Magistrat Inkwirenti ghandu aktar importanza minn, jew jirbah fuq, il-principju li fil-process penali x-xhieda ghandhom jinstemghu viva voce, izda biss li fejn xhud ma jistax jinstemgha aktar viva voce, ghax impossibilitat, jew ghax assenti, jew ghax miet, allura dak li jista' jkun iddepona fil-kors tal-access, jista' jingieb u jintuza bhala prova, bhal ma prova testimonjali migbura fil-kors ta' access tista' tintuza biex jigi kontrollat l-istess xhud waqt li qed jiddeponi viva voce.

**Negligenza kontributorja**

F'dan il-kaz, u cioe jekk tirrizulta n-negligenza kontributorja, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi erogata.

Illi f'dan is-sens jikkommenta anke l-Antolisei:

> *Nell'ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle cople, nel senso che la colpa dell'uno verrebbe annullata dalla colpa dell'altro … Cio non puo' ammetersi, perche il principio della compensazione delle cople, se vale nell'ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell'eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l'applicazione concreta della piena*[9]

Il-Qorti tistaqsi: L-agir tal-imputat kien il-fattur li wassal għal dan l-incident? Huwa jrid iwieġeb għal dan l-agir tiegħu indipendentement minn dak li setgħa għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li unikament u esklussivament iwassal għall-incident. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru akkadut.

[9] Ref **Manuale di Diritto Penale Parte Generale** 1989 Giuffre pagna 332

F'dan il-każ ma jistax jingħad li l-azzjoni ta' Sammy Spiteri kienet il-kawza **unika jew esklussiva** tal-incident.

**It-tieni imputazzjoni**
**L-artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali**

L-artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali, li jikkontempla r-reat ta' hruq jew hsara involontarja, jghid hekk:

> *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati –*
> *…*
> *(d) f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet: …"*

Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal aktar 'il fuq fir-rigward ta'l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali u fir-rigward tal-*culpa* in generali.

**It-tielet imputazzjoni**
**Ir-regolamenti numri 2, 3, 8, 13(3)(10(ii)) ta' l-Avviz Legali 119 ta' l-2002 u tar-regolamenti 1 u 2 ta' l-Avviz Legali 37 ta' l-2004 mahruga taht l-Att XXVII ta' l-2001 u taht il-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz kif debitament emendat bl-Att XXI ta' l-1999**

Illi r-regolament 8(1) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Attivitajiet li Jehtiegu Permess mill-Kunsilli Lokali jghid hekk:

*"Hadd ma jista' jiddeposita jew juza xi krejn jew makkinarju iehor waqt il-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi bini jew progett iehor simili f'xi triq minghajr il-permess tal-Kunsill Lokali."*

Ir-regolamenti msemmija johorgu mill-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta u mill-L.S. 441.04.

L-artikolu 13(3) tal-L.S. 441.04 indikat mill-Avukat Generali fl-artikoli jistipola li:

*"Kull persuna li tiddepożita jew tuża xi krejn jew makkinarju goff ieħor meta jkunu qegħdin isiru l-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi bini jew proġett ieħor simili f'xi triq mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali teħel, meta tinsab ħatja, **ammenda** ta' sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59) għal dik il-kontravvenzjoni."* (enfazi tal-Qorti)

L-artikolu 13(10) (b) tal-L.S. 441.04 indikat ukoll mill-Avukat Generali jistipola li:

*"Kull persuna li tonqos milli –*
*(b) tqiegħed dawl adegwat u l-marki kollha neċessarji ma' nżul ix-xemx fuq kull materjal jew oġġett depożitat jew fuq krejn jew makkinarju goff ieħor;*
*.....*
*teħel, meta tinsab ħatja, **ammenda** ta' tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għal dik il-kontravvenzjoni."* (enfazi tal-Qorti)

Fid-dawl tal-artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali li jghid li l-ammenda hija wahda mill-pieni ghall-kontravvenzjonijiet, kif ukoll fid-dawl tal-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali, tenut kont li l-imputat gie notifikat fl-2009 ghal incident li sehh fl-2007, l-artikoli u r-regolamenti fit-tielet imputazzjoni (c) huma preskritti.

**L-Artikoli 49, 50 u 51 tal-Kapitolu 9 indikati fl-(d) tal-artikoli tal-Avukat Generali**

Id-difiza ghandha ragun fis-sottomissjonijiet taghha illi tali imputazzjonijiet ma kinux indikati fic-citazzjoni, u ghalhekk, in linea mal-principji indikati fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Michael Carter**, deciza fis-7 ta' Dicembru 2001, per Imhallef. Dr. V Degaetano, din il-Qorti ma ghandhiex tikkunsidra tali artikoli.

Minn imkien fil-process ma jirrizulta li giet esebita xi vera kopja ta' xi sentenza ta' htija li nghatat fil-konfront tal-imputat.

F'harsa lejn il-process kollu l-Qorti sabet biss a folio 199 tal-process il-fedina penali tal-imputat li turi sentenza li nghatat fil-5 ta' Gunju 2008 fejn kien wehel multa ta' Euro 466. Tali dokument ma jwassalx ghall-prova tar-recidiva. Dan ghaliex il-Qrati taghna dejjem irritenew li l-fedina penali ma hijiex prova bizzejjed biex tigi pruvata r-recidiva[10].

Ghar-rigward tal-artikolu 51 tal-Kodici Kriminali, dan l-artikolu jitratta rekluzzjoni fil-kaz ta' recidiva minn persuna li tkun qed tiskonta piena ghal ghomorha. Il-Qorti tifhem li tali artikolu kien indikat biss bi zball, u frott ta' "lapsus" genwin.

**Sigurta' fuq postijiet ta' kostruzzjoni**

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha rrimarkat dwar il-fatt li l-incident sehh disa' snin ilu u minn dak iz-zmien sal-lum il-*codes of practice* fejn si tratta ta' kostruzzjoni ta' bini evolvew drastikament.

[10] Vide fost ohrajn: ***Il-Pulizija vs Jason James Agius***, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Novembru 2001, ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra***, deciza mill-Qorti nhar l-24 ta' Frar 2003; ***Il-Pulizija vs Carmelo Fenech***, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Frar 2005; u ***Il-Pulizija vs Rene Bezzina***, deciza mill-Qorti tal-Appell, fit-12 ta' Settembru 2012.

Id-difiza sostniet li *"l-esponenti ghalhekk qieghed umilment jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex meta tghaddi ghall-gudizzju hija zzomm f'mohha il-fatt li mill-2007 sal-lum l-affarijiet setghu inbidlu u anke saru izjed stretti. U ghalhekk, tenut kont tan-natura tal-imputazzjonijiet li bihom huwa rinfaccat li jincidu fuq is-sengha u l-arti b'mod partikolari, wiehed ghandu jara l-incident mill-perspettiva ta' kif kienu l-affarijet fl-2007 u mhux fil-prezent, fejn il-ligijiet gew iktar stretti wara incidenti f'siti ta' kostruzzjoni li setghu servew biex dak li jkun itejjeb il-legislazzjoni u regolamenti.*

*B'mod partikolari l-esponenti umilment jissottometti illi certu disposizzjonijiet legali li jikkrejaw certu projbizzjonijiet jew reati godda li dahlu fis-sehh wara d-data tal-kaz ma ghandhomx jigu mehuda in konsiderazzjoni."*

Bir-rispett kollu lejn id-difiza dan l-argument mhux korrett ghaliex ghall-kuntrarju ta' dak dikjarat snin ferm qabel sehh l-incident diga' kienet tezisti legizlazzjoni li tpoggi certu piz fuq siti ta' xoghol li jindikaw bzonnijiet minimi ghas-sigurta' u s-sahha. Fost dawn hemm l-Avviz Legali 282 tal-2004 dwar ir-**Regolamenti dwar apparat tax-xoghol** li dahal fis-sehh fl-14 ta' Mejju 2004, l-Avviz Legali 281 tal-2004 **Regolamenti dwar il-Post tax-Xoghol** li dahal fis-sehh ukoll fl-14 ta' Mejju 2004 u l-Avviz Legali 52 tal-1986 kif kien emendat bil-Avviz Legali 22 u 71 tal-1996, l-Att XXVII tal-2000, l-Avvizi Legali 44 tal-2002 u l-Avvizi Legali 35, 36, 121 tal-2005 li jitratta l-**Work Places (Health, Safety and welfare) Regulations**.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak ippubblikat mill-Awtorita' tas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-xoghol dwar il-*cranes*. Il-Qorti taghmilha cara li dan qieghed ikun riprodott mhux ghax kull ma jinghad japplika ghal kaz inkwistjoni imma biex turi li dakinhar li sehh l-incident kien hemm regolamenti marbuta ma' siti ta' kostruzzjoni.

***Tower crane safety***

*The Occupational Health and Safety Authority (OHSA) reminds all duty holders that the setting up and operation of all lifting appliances (including cranes) is covered by a number of specific provisions in the* ***Work Equipment (Minimum Safety and Health Requirements) Regulations, of 2004****.*

*In particular, regulation 5 (1) requires an employer to ensure that where the safety of work equipment depends on the installation conditions, such equipment shall be subject to an initial inspection (after installation, and before first being put into service) and a subsequent inspection after assembly at a new site or in a new location by competent persons, so as to ensure that the work equipment has been installed correctly and is operating properly.*

*The* ***Work Places (Health, Safety and Welfare) Regulations S.L 424.09*** *specify that cranes have to be thoroughly examined by a competent person and a certificate of the test and examination specifying the safe working load or loads of the machine and signed by the person making the test is issued and kept available for inspection. The base of the crane has to be certified by a competent person so as to ascertain that it can withstand the weight of the crane and the maximum load it can lift. The employer must also ensure that the crane is regularly maintained by competent persons and that the safety features are not tampered with. Another very important aspect in the operation of tower cranes is the re-reeving operation whereby the operator changes the wire rope configuration from two fall to four fall. When this is done automatically by engaging the pulley mechanism to the carriage, the operator has to make certain that the mechanism is correctly and fully engaged. There are various safety aspects related to crane operations. Some of these are described below.*

*The crane operator must be able to read and interpret the load charts so that the crane is not overloaded. The employer must ensure that the safety switches and alarms are fully functional and a risk assessment of the lifting operations is carried out. No persons may be lifted by a crane unless the crane is designed for this purpose and a suitable cage, certified by a competent person, is used.*

*Cranes should not be operated in very strong winds and the loads have to be attached to the hook in a safe manner and well balanced. Passing with loads over persons and third party property should be avoided. A safe passage for pedestrians should be established and clearly indicated in cases where the crane is erected in the road. If the operator cannot see the whole lifting operation there should be a signal man to guide him. Particular care should be taken to stay clear of overhead power lines. The tower crane should be left in free slew and no objects should be left attached to the hook when not in use.*

**L-element ta' prevedibilità**

Il-Qorti qieset l-argument tad-difiza dwar jekk l-imputat setax' jipprevedi l-incident. Id-difiza ssostni li qatt ma seta' jipprevedi agir illegali ta' terz, fejn qieghed ikun sostnut li l-vittma kien ghaddej b'velocita' eccessiva, bl-effett tal-alkohol u d-droga.

L-Antolisei fil-*Manuale Di Diritto Penale* jitkellem dwar l-element tal-prevedibilità:

*"Va, peraltro, notato che, se la prevedibilita` dell'evento causato e`necessaria per la sussistenza della colpa, essa non e` sufficiente. Occorre anche la prevenibilita` od evitabilita` dell'evento medesimo, giacche` il risultato che il soggetto non e` in grado di*

*impedire non gli puo` essere posto a carico, rappresentando nei suoi confronti una mera fatalita`."*[11]

Id-difiza telenka numru ta' sentenzi biex jghinu lill-Qorti li trid tasal ghall-konkluzjoni taghha.

Fil-kaz ***il-Pulizija vs Robert Zaffarese***, deciza mill-Qorti tal-Appell, per Imh. Dr. J Galea Debono, nhar is-6 ta' Novembru 2002, l-imputat kien akkuzat talli kkaguna hsara *f'Traffic Pole Sign* u '*railings*' li kien hemm fuq *centre strip*. Is-surgent f'dak il-kaz kien xehed sahansitra li l-appellant kien habat go arblu tat-*traffic lights* u *railings* li ma kinux jahdmu u li kien hemm fuq *centre stip* li ma kienx ilha hemm hafna u li maghha kienu habtu diversi vetturi ohra. L-appellanti li kien qed isuq il-vettura u habat gos-*centre stip* xorta wahda instab hati tal-hsara li kkaguna.

Il-Qorti qalet:

*"Illi dan hu kaz klassiku ta' sewwieq li jahbat ma' xi ostakolu inerti fit-triq jew mall-gemb tat-triq u fejn mill-assjem tac-"circumstantial evidence" jew "presumptions of fact" li jirrizultaw , il-gudikant ikun moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti . (Ara. App. Krim. Pol. vs. James Abela; 11.7.2002) Illi ma hemmx dubju li mhux sewqan tajjeb li jwassal biex driver jahbat ma xi haga inerti li jkun hemm f'nofs it-triq jew mal-gemb tal-karreggjata u dan sakemm is-sewwieq ma jaghtix xi spjegazzjoni skuzanti plawsibbli almenu sal-grad tal-probabbilta' li tista' twassal biex ma tinstabx htija kontra tieghu."*

...

*"Illi l-argument tal-appellant li hu ma kienx jaf bl-ezistenza tac-centre strip f'dik il-lokalita' u li din ma kienetx mixghula ma jezonerahx mir-responsabilta' ta dak li gara. Ladarba din kienet fit-triq u suppost kienet vizibbli (ghalkemm mhux illuminata specifikatament b'xi spot light jew dawl partikolari) bid-dawl*

[11] Parte Generale, Giuffre` (Milano), 1989, p. 325

*ordinarju tal-street lighting kif ukoll bid-dwal tieghu stess, hu suppost li kellu jarha minn sew qabel ma avvicinha. Wara kollox it-triq hemm hi fid-dritt ghal tul konsiderevoli w jekk ma rahiex ghax thannek mall-van ta' quddiemu, dan kien tort tieghu u ta' hadd aktar."*

Illi fil-kawza ***Mark Micallef vs Joseph Ghiller***, deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla, nhar id-19 ta' Ottubru 2006, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar meta karozza tibqa' diehla go karozza pparkjata jew oggett inerti. Id-difiza ssostni li l-principji msemmija ghandhom japplikaw ghall-kaz odjern:

*Mic-cirkustanzi jidher li l-incident sehh meta l-konvenut baqa` diehel fil-mutur tal-attur li, ghal xi raguni jew ohra, kienet wieqfa fit-triq. Minghajr, f`dan l-istadju, ma din il-Qorti sejra tqies fejn il-mutur kien wieqaf, kif intqal min din il-Qorti fil-kawza "**Crisp vs Zahra**", deciza fit-30 ta` Mejju, 2002, "meta karozza tispicca tahbat ma` karozza pparkjata dan ikun kaz ta` "res ipsa loquitur" fejn huwa allura l-oneru tal-konvenut li permezz tal-provi minnu migjuba jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu". Fil-kawza "**Lloyds (Malta) Ltd vs Borg**", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-31 ta` Mejju, 2000, gie kwotat l-awtur Gibb ("Motor Claims Cases" pag. 90) li jamplifika li:*

*"When a stationery car is struck by a moving one, the driver of the moving car is usually liable, and the burden of proof resting on the plaintiff will in such a case not be difficult to discharge".*

*Intqal fil-kawza "**Mallia vs Azzopardi**", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Frar, 1990;*

*"fil-kollizjonijiet dak li huwa importanti biex tigi stabbilita r-responsabilita` ghad-danni huma l-fatturi rilevanti u determinanti ghall-habta u mhux id-diversi mperfezzjonijiet fir-regolamentazzjoni tas-sewqan da parti tas-sewwieqa li ma jkollhom ebda incidenza fuq id-determinazzjoni tal-htija".*

*Fil-fatt, din l-istess Qorti fil-kawza "**Thake noe vs Newell**", deciza fil-5 ta` Ottubru, 1994, kienet osservat li l-fatt biss li vettura tkun ipparkjata hazin, ma jirrendix lis-sid dik il-karozza hati tal-habta, ghax hu d-driver li jkun qed isuq illi ghandu l-obbligu li jzomm "a proper look out", li jara dak li hu "in plain view", u li jkollu l-vettura dejjem taht kontroll shih b`mod li jkun jista` jiehu tempestivament "evasive action" biex jevadi kull ostakolu li jipprezenta ruhu quddiemu. Kwindi, anke f`dan il-kaz, mhux daqshekk importanti fejn kien wieqaf l-attur, izda jekk il-konvenut setax jevita l-habta.*

*Trattandosi tal-fatt li l-konvenut kien gej minn wara, kien obbligu tal-konvenut li jevita l-habta. Fil-kawza "**Attard vs Borg**", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta` Marzu, 1985, irrizulta li l-karozza tal-konvenut baqghet diehla fuq wara tal-karozza misjuqa mill-attur waqt li din kienet qed tislowja biex tikser ghal fuq il-lemin. Il-Qorti accettat il-principju li kien id-dover tad-driver ta` wara li jiehu hsieb jevita l-kollizzjoni. Il-Qorti ghamlet riferenza ghal-awtur Charlesworth, fil-ktieb "On Negligence" li jikwota l-kaz "**Jungnikel vs Laing**", tal-1966, fis-sens li "a driver who intends to slow down, albeit suddenly, is under no duty to give any warning of his intention, it being the duty of those following behind to keep clear".*

*Dan il-principju kien gie segwit minn din il-Qorti fil-kawza "**Borg vs Sultana**", deciza fit-8 ta` Marzu, 1985, fejn gie ribadit li meta vettura tidhol f`vettura li tkun fuq quddiem il- principju hu li r-responsabilita` ghandha tinxtehed fuq il-karozza ta` wara u dana peress illi ma rnexxilux jieqaf biex jevita l-incident, jew l-ispeed tieghu kien aktar minn dak regolamentari, jew ma kienx qed izomm id-distanza mehtiega mill-karozza ta` quddiemu, jew ma kienx attent bizzejjed ghal dak li kien qed jigri quddiemu fit-triq. Hekk ukoll, din il-Qorti, fil-kawza "**Cassar vs Muscat**", deciza fis-7 ta` Lulju, 1989, qalet li kollizzjoni li tigri ghaliex vettura investiet il-vettura ta` quddiema ghaliex din "waqfet", "timplika dejjem presunzjoni ta` tort tas-sewwiq tal-vettura ta` wara li ghandu dejjem jikkalkula spazju sufficcjenti biex fih ikun*

*jista jieqaf, jekk ikollu bzonn, minghajr ma jolqot lil ta` quddiemu".*

*Issir riferenza wkoll ghal kawza "**Middle Sea Insurance Co. Ltd vs Debono et**", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta` Ottubru, 2000, "**Cassar vs Galea**", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Gunju, 2002, u "**Zahra vs Pace**", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Ottubru, 2002, fejn il-principji aktar qabel enuncjati gew ribaditi u segwiti.*

*....*

*L-attur ma kienx wieqaf wara xi kantuniera jew f`xi post "mohbi" li l-konvenut, kieku kien diligenti, ma kienx jinduna bih*[12]*. It-triq fejn sehh l-incident hija pjuttost triq twila u dritta, u b`attenzjoni fuq dak li kien qed isehh quddiemu, il-konvenut kien jevita ghal kollox l-incident, u dan mhux billi jaghmel xi manuvra specjali, izda billi jsuq ghad-dritt fi triqtu.*

*Il-fatt li l-attur ma kellux licenzja biex isuq mutur, jista jkollha konsegwenzi kriminali, pero`, in civilibus irid jigi stabbilit il-kawza tal-incident, u jekk il-kontravenzjoni ma jkollix effett fuq id-dinaminaka tal-incident (kif, fl-opinjoni tal-Qorti, ma kellhiex f`dak il-kaz) l-istess ma titqis li kkontribwiet ghall-incident in ezami (ara, bhala rifless fuq dan il-kawza "**Glass et vs Grima**", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta` Ottubru, 2005).*

*Kwindi l-Qorti tqies li l-konvenut ghandu jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni."*

Il-Qorti rat x'tghid ukoll gurisprudenza barranija dwar kollizzjonijiet ma' ostakli li jsiru bil-lejl.

Fil-kaz ***Willness v Cape Provincial Administration*** **1992 (1) SA 310 (E) at 3115F**. intqal li *"there was no duty on the driver to travel at*

[12] Id-difiza ssostni li l-istess qed jigi argumentat fil-kaz in kwistjoni fejn mhijiex kwistjoni li x-xufier ma rax il-crane, ghaliex il-crane kien vizibbli u vizibbli minn boghod bizzejjed biex dak li jkun jinduna bih minn qabel. **Il-Qorti mhux se taqbel ma' dan ir-ragunament tad-dfiza ghaliex ma taqbilx li l-crane kien vizibbli u ttiehdu l-prekawzjonijiet mill-imputat.**

*such a speed as would have enabled her to stop within the range of her vision."*

F'***Johannes v South West Transport (Pty) Ltd*** **1994 (1) SA 200 (Nm)**, il-Qorti ddecidiet li *"that a stationary vehicle obstructing the traffic lane of a driver on a freeway was not foreseeable. Also a broken down bus and tractor on a rural road were found to be unforeseeable obstructions."* Dan kien ikkonfermat ukol fis-sentenza ***Nkula v Santana Assuransie Maatskappy Bpk*** **1975 (4) SA 848 (A)**.

Il-Qrati applikaw il-*foreseeability test* u kien hemm fejn irrifjutaw li jaccettaw l-argument li min kien qieghed isuq kellu jara l-possibilta' li se jsib ostaklu mhux previst, fejn fost id-decizjonijiet kien hemm dawn:

F'***Hoffman v SAR & H*** **1955 (4) SA 476 (A)** il-kaz tratta **"***on a rural road where the obstruction was a trailer attached to a bus which had broken down";*

U fil-kaz ***Santam v Beyleveld*** **1973 (2) SA 146 (A)** il-kaz tratta *"on a provincial road passing through a rural area where the obstruction was a tractor being used to drag a lorry out of mud";*

F'***A A Onderlinge Ass v Van Rensburg*** **1978 (4) SA 771 (A)** il-kaz tratta **"***along a freeway the obstruction was a stationary motor vehicle standing across the lane in which the motorist was driving";*

Fil-kaz ***Seemane v A A Mutual*** **1975 (4) SA 954 A** il-kaz tratta *"while driving in an urban area and the obstruction was a pedal cycle without reflections or lights".*

**KONKLUZZJONIJIET**

Il-Qorti l-ewwel u qabel kollox se tittratta il-kwistjoni tal-permess. L-imputat ma kellux permess biex jarma **crane** fejn waqqfu, bir-rispett lejn il-mentalita' dilettanteska tieghu din mhix semplici

formalita` u dan juri n-nuqqas ta' ghaqal tal-imputat li jippretendi li hu 'l fuq mill-ligi. L-imputat gie jaqa' u jqum mill-permess.

Il-Kunsill Lokali Rabat (Ghawdex) mal-formola ghall-applikazzjoni biex wiehed jikseb permess jaghti lista ta' kundizzjonijiet marbuta mad-depozitu jew uzu ta' *crane* jew makkinarju (*a fol.* 160):

1. Hadd ma jista' jiddeposita jew juza xi krejn jew makkinarju iehor waqt il-bini, konstruzzjoni jew domolizzjoni ta' xi bini jew progett iehor simili f'xi triq minghajr il-permess tal-Kunsill Lokali.
2. L-applikant ghandu flimkien ma' l-applikazzjoni jipprezenta deskrizzjoni dwar:
a. Iz-zmien li ghalih ikun qed jintalab il-permess;
b. Pjanta ta' fejn ikun qed jigi depositat jew uzat il-krejn jew makkinarju goff.
3. L-applikant ikun obbligat li jqieghed dawl adegwat fuq il-krejn jew makkinarju goff iehor li jibqa' depositat fil-post wara nzul ix-xemx: izda fil-kaz ta' krejn jew makkinarju goff iehor li jkunu mobbli, l-Kunsill Lokali jista' johrog il-permess bla hsara ghall-kundizzjoni li l-imsemmi krejn jew makkinarju jitnehhew minn fuq il-post wara nzul ix-xemx.
    b. L-applikant ghandu jaghmel dawk il-marki kollha li jkunu necessarji sabiex jigi evitat kull perikolu ghall-pubbliku u l-vetturi.
    c. L-applikant ikun obbligat li juza l-mezzi kollha necessarji sabiex ma ssirx hsara jew xi dannu iehor lit-triq jew xi propjeta' ohra.
4. Meta hekk jintalab jaghmel mill-Kunsill u malli jhallas id-dritt skond kif stabbilit fi Skeda C fil-ligi ta' dawn ir-regolamenti, l-applikant ghandu jhallas ghal servizz ta' gwardjan lokali biex jikkontrolla t-traffiku. Il-hlas ikun kif hemm stabbilit fi Skeda A fil-ligi ta' dawn ir-regolamenti.
5. F'kaz li ssir hsara waqt id-depositu jew uzu ta' krejn jew makkinarju iehor, il-Kunsill Lokali jkollu dritt li jigbor minn ghand

id-detentur tal-permess l-ispejjez li jkopru l-hsara li tkun saret sabiex isiru t-tiswijiet mehtiega.

6. Il-Kunsill Lokali jista′ jitlob li jsir depositu jew tigi provduta garanzija bankarja ta′ mhux aktar minn Lm100 favur tieghu sabiex jaghmel tajjeb ghal kull hsara li tista′ ssir f′xi triq jew propjeta′ ohra.
7. Din l-applikazzjoni u kull permess li jista′ jinghata b′ebda mod ma jezonera lill-applikant milli jikseb kwalunkwe licenzja u/jew permess u/jew awtorizazzjoni Ii jistghu jkunu mehtiega dwar dan id-depozitu jew uzu.
8. Kwalunkwe permess jinghata minghajr pregudizzju ghall-jeddijiet ta′ terzi.
9. L-ghoti ta′ dan il-permess qed isir fuq ir-responsabilita′ unika u esklussiva ta′ l-applikant u ghalhekk huwa jkun responsabbli wkoll ghal kull hsara jew danni li tista′ ssir lil terzi minhabba tali depozitu jew uzu.
10. Il-permess ma jezonerax lill-applikant mill-harsien ta′ kull ligi jew regolament applikabbli.
11. Kull permess jista′ jigi rtirat jew sospiz fi kwalunkwe hin anke minghajr ebda preavviz u dan minghajr ma jkun hemm xi responsabilita′ da parti tal-Kunsill.

ll-hrug ta′ permess tant mhux formalita′ kif subregolamenti tar-regolament 8(1) tar-Regolamenti ta′ l-2002 dwar **Attivitajiet li Jehtiegu Permess mill-Kunsilli Lokali** juri. Il-Kunsill Lokali ghandu responsabilta′ meta′ johrog permess ghaliex kieku f′dan il-kaz hareg permess ir-rapprezentanti legali tal-Kunsill liema responsabilta′ hi vestita fis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali kien iwassal biex dawn kien ikollhom iwiegbu ghal negligenza ta′ parti tal-Kunsill.

Illi s-subregolament (2) tar-regolament 8 jghid li flimkien mal-applikazzjoni jrid jinghata z-zmien li ghalih ikun qed jintalab il-permess oltre li trid issir pjanta ta′ fejn ser jigi depositat il-*crane*.

Skond il-paragrafu (a) tas-subregolament (3) l-applikant huwa obbligat li jpoggi dawl adegwat jekk il-*crane* ikun ser jibqa' depositat wara nzul ix-xemx. Il-proviso ta' dan il-paragrafu mbaghad jghid li l-Kunsill jista' jaghmel kundizzjoni li l-*crane* jitnehha wara nzul ix-xemx. Il-paragrafu (b) tas-subregolament (3) imbaghad jghid li l-applikant ghandu jaghmel dawk il-marki sabiex jigi evitat kull perikolu ghall-pubbliku u ghall-vetturi. Is-subregolament (4) jghid meta jithallas il-permess, l-applikant ghandu jhallas ghal servizz ta' gwardjan lokali biex jikkontrolla t-traffiku. Minn dan kollu l-imputat ma ghamel xejn.

Il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Inginier David Abela li juru li n-negligenza tal-imputat hija wahda grossolana fejn jghid li: (i) id-dawl [uniku] impoggi mill-imputat ma kienx sufficjenti ghall-ostakolu kbir li kien hemm, cirkostanza aggravata bil-fatt li d-dawl tat-triq kien fqir; (ii) kellu jkun hemm *concrete barrier* li jdawwar il-*crane* u jipprotegi l-*base* tieghu; (iii) it-tip ta' *crane* huwa ferm inqas stabbli mit-*tower cranes* li jkollhom *a solid base*.

**DECIDE**

Illi n-negligenza tal-imputat hija manifesta u inkonfutabbli in kwantu l-incident kien altru milli prevedibbli u ma sar assolutament xejn biex jigi evitat. Ghalhekk ghandu jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef**, intqal li wiehed mill-iskopijiet tal-piena hu li fil-kaz ta' reati gravi "*is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali.*" Fil-fatt il-messagg li jrid jintbaghat f'kazijiet bhal dak in ezami hu li l-hajja mhijiex irhisa u li t-tehid ta' hajja anke involontarjament ghandu jitqies bhala xi haga serja u gravi.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **The Police (Inspector Trevor Micallef) vs. Justin West**[13] fejn fil-kunsiderazzjoni taghha dwar is-sentenza l-Qorti rat dawn il-kawzi:

> *"… il-pieni li kienu qed jinghataw f'hafna kazijiet t'omicidju nvoluntarju kienu irreali u jaghtu wiehed x'jahseb li l-hajja ta' bniedem f'pajjizna, hija rhisa w ir-reat in kwistjoni mhux xi haga serja". [**Il-Pulizija vs. Mark Galea** (Court of Criminal Appeal – 15th. October 1987)];*
>
> *"Il-piena preskritta mil-ligi ghar-reat in kwistjoni hija l-prigunerija li ma teccedix l-erba' snin jew il-multa. Din il-Qorti jidhrilha li n-nuqqas ta' prekawzjoni ovvja ghal perikolu daqstant ovvju, jindika l-piena ta' prigunerija u mhux ta' multa". [**Il-Pulizija vs. Joseph Busuttil** et (Court of Criminal Appeal – 26th. November 1992)];*
>
> *"Fuq incidenti bhal dawn din il-Qorti kif preseduta gia kellha opportunita tesprimi ruhha precedentement [Vide **Il-Pulizija vs. Giovanni Conte** deciza 2 ta' Marzu 2000 u **Il-Pulizija vs. Antoine Cassar** kif konfermata fil-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta' Settembru 2009] fejn uriet il-preokkupazzjoni taghha li paragunati ma' sentenzi f'kazijiet simili li jinghataw f'pajjizi civilizzati ohra, s-sentenzi ta' dawn il-Qrati huma pjuttost miti". [**Il-Pulizija vs. Gordon Micallef** (Court of Criminal Appeall – 11th. January 1994)]."*
>
> *The Court notes that each and every case has to be studied on its own and this does not signify that an effective jail term should be be imposed whenever a person is killed in a traffic accident. Yet, when <u>extreme irresponsibility</u> is proven, the situation is different.*
>
> *Furthermore, Archbold Criminal Pleading, Evidence & Practice, 2006 makes reference to R. v. Gray (2005) 149 S.J. 576, CA which stated the following:*
>
> *"The Court said that general considerations were, first, that whilst the test of dangerous driving was objective, the requirements that the driving should be far below the standard of the competent and careful driver, and that it would have been obvious to the same careful and competent driver that driving in that way would be dangerous, meant that it would usually be obvious to the offender that the driving was dangerous and he therefore deserved to be punished accordingly; secondly, the fact that Parliament had chosen to provide for a much heavier maximum sentence where death resulted as compared with where death did not result showed that Parliament regarded the consequences as a relevant sentencing consideration; thirdly, whilst Courts should take account of the anguish of*

[13] Court of Magistrates (Malta) As a Court of Criminal Judicature – Magistrate Dr. Neville Camilleri – 1st June 2015

*the victim's family it had to be remembered that no sentence will reconcile a family to their loss nor cure their anguish; fourthly, it was important for Courts to drive home the message as to the consequences that could result from dangerous driving; drivers must know that if as a result of their dangerous driving a person was killed, no matter what the mitigating circumstances, normally only a custodial sentence would be passed; that was because of the need to deter other drivers and because of the gravity of the offence.*

*In assessing the seriousness of an offence, the Court said that culpability must be the dominant factor."*

***That the message that ought to be sent to the society in general is that human life is not cheap and that the taking away of a life, even involtunarily, should be considered as being very serious**. Hence, after the Court has outlined all the above-considerations regarding punishment, the Court feels that it has no alternative but to **condemn the accused to an effective jail term."***

**Il-Qorti thoss li ghalkemm dan ir-reat huwa wiehed involuntarju, xorta huwa wiehed serju hafna u ghalhekk fic-cirkostanzi, thoss li ghandha tinghata piena karcerarja. B'hekk tkun qed taghti messagg li l-hajja tal-bniedem hija mportanti u ghandha tissupera kull kunsiderazzjoni ohra.**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat in-**Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali** datat 9 ta' Frar 2010 u senjatament Artikoli 225(1) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti numri 2, 3, 8, 13(3)(10)(ii) tal-Avviz Legali 119 tal-2002 u tar-Regolamenti 1 u 2 tal-Avviz Legali 37 tal-2004 mahruga taht l-Att XXVII tal-2001 u taht il-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz kif debitament emendat bl-Att XXI tal-1999, tiddikjara t-tielet imputazzjoni estinta minhabba l-preskrizzjoni u ssib lill-imputat Baskal Saliba hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet u tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija effettiva.

Finalment wara li l-Qorti rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta'

elf, tmien mija u disgha u ghoxrin ewro u tnejn u tletin centezmu (€1,829.32) in konnessjoni mal-ispejjez peritali[14].

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[14] **Spejjez fl-inkjesta – (Ara *fol* 18 *tergo*):** Profs. M. Sammut - €218.38; Dr. Michael Refalo - €139.76 – **xhieda** (*a fol.* 202/203); Max Xuereb - €273.79 - **xhieda** (*a fol.* 155)**;** Joseph Zammit - €347.99 – (*a fol* 72 *tergo*)**;** David Abela - €419.14 – (*a fol* 107 *tergo*)**;** AIC A. Portelli - €157.73 (*a fol* 126 *tergo*); Dr. Ali Salfraz - €272.53 – **xhieda** (*a fol.* 202/203 - flimkien ma' Dr. Michael Refalo).